MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tat-2 ta' Frar, 2004

Numru. 468/2003

PULIZIJA
SPETTUR ANGELO CARUANA
VS
NEIL BORG
TERENCE SCERRI

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati Neil Borg ta’ 16 il-sena bin Raymond u Joan nee Meli, imwieled Sliema fl-4 ta’ Lulju 1986 u li joqghod 21, Vicky, flat 1, Triq Villie Arena, Gzira detentur tal-karta tal-identita 299686M u Terence Scerri ta’ 15 il-sena, bin Angelo u Rose nee Borg, imwieled Pieta fis-6 ta’ Novembru 1987 u residenti 6, Flat 6, Triq il-Flotta, Gzira detentur tal-karta tal-identita numru 508487M talli fit-8 ta’ Jannar 2003 ghal habta tas-5.45pm bil-hsieb li jikkommettu reat ta’ serq ta’ zewg mountain bikes, wrew dan il-hsieb b’atti esterni u taw bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta taghhom, liema tentattiv ta’ serq li kieku sehh ikun

kkwalifikat bil-valur li ma jeccedix l-elf lira maltin , bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa u li sar ghad-detriment ta' Andreas Muller.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputati sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat il-verbal tat-2 ta' Frar 2004 fejn l-imputat Scerri ammetta ghall-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu.

Rat il-verbal tat-2 ta' Frar 2004 fejn il-Qorti laqghet it-talba tal-prosekuzzjoni ghal separazzjoni tal-gudizzju.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammisjoni tal-imputat Scerri il-Qorti ssibu hati skond l-akkuza u wara li rat Art 261, 267, 270, 271, 279, 280, 281, 41 u 42 tal-kap 9 u Art 7 u 9 tal-kap 446 u tqieghed lill-imputat Scerri taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' sena.

Ghal dan il-ghan il-Qorti qed tinnomina lid-Direttur tal-Probation Services sabiex jinnomina probation officer ghall-imputat.

Filwaqt li qed tiddiferixxi il-kawza ghall-24 ta' Marzu 2004 ghall-kontinwazzjoni tal-provi tal-prosekuzzjoni fil-konfront tal-imputat Neil Borg.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------